**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 t'April, 2001

**Numru 22**

**Avviz. numru 513/00JR**

**Valhmor Borg Import & Export Limited**

**vs**

**JIF International Limited u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2000, gie kjamat in kawza Joseph Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm232.16), rapprezentanti l-valur ta' cekk numru 593 tal-HSBC Bank (Malta) plc gja Mid Med Bank plc mahrug mis-socjeta` konvenuta izda mhux minnha onorat u dana ghamlitu bil-hsieb li tqarraq u tinganna lis-socjeta` attrici, u liema cekk inhareg bhala hlas ghall-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum mibjugha u konsenjati lis-socjeta` konvenuta

**mis-socjeta` attrici. Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Settembru, 1998, u bis-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L.Victor Bugeja li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Artikolu 13 (B) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal, filwaqt li jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm232.16).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-17 ta' Settembru, 1998, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-ispejjez tal-kjamat in kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici..**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**